**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**
**ID-DISA' KUNSILL**
**SEDUTA NRU.10 - L-ERBGĦA 26 TA' MARZU 2025**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-6.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dott. Christopher Deguara | Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier (wasal 6.12pm) |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Godwin Grech | Kunsillier |
| | Andre' Muscat | Kunsillier |
| | Louis Camilleri | Kunsillier |
| Uffiċjali Preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Yanika Borg | Assistent Prinċipal |
| Skużati | Joseph Spiteri | Viċi Sindku |
| | Matthew Vella | Kunsillier |

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI;**

1.1. Is-Sindku informa li l-Kunsillier Spiteri u l-Kunsillier Vella ma' setgħux jattendu għal din il-laqgħa.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI;**

2.1. Il-Kunsill approva l-minuti ta' laqgħa nr.9 fuq proposta tal-Kunsillier Cuomo ssekondata mill-Kunsillier Sciberras.

**3. KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU;**

3.1. Is-Sindku ressaq il-kommunikazzjoni tiegħu kif ġej:

3.1.1. Fl-20 ta' Frar saret laqgħa dwar il-Bring in Sites. Din saret wara li l-kuntratt wasal biex jiġġedded iżda l-Kunsill innota nuqqasjiet mill-kumpanija li tieħu ħsibhom. Il-Kunsill, bi qbil mar-Reġjun mhux se jkun qed jiffirma l-Kuntratt il-ġdid qabel ma tkun iċċarata li l-Kunsill se

jipprovdi l-post iżda tindif u żamma tal-bins u ta' madwarhom issir mill-kumpanija li tieħu ħsibhom.

3.1.2. Fl-20 ta' Frar ukoll saret laqgħa mal-GAL Majjistral dwar fondi li se jkun qed jieħu l-Kunsill dwar titjib fil-ġonna.

3.1.3. Fl-20 ta' Frar ukoll saret il-laqgħa tas-Satellite group ta' San Pawl tat-Tarġa.

3.1.4. Fil-21 ta' Frar sar kors mill-ANSEK dwar Digital Marketing. Is-Sindku ma setax jattendi minħabba impenn ieħor. Is-Sindku rringrazzja l-ANSEK għal din l-inizjattiva.

3.1.5. Fit-22 ta' Marzu s-Sindku kellu laqgħa mal-komunità ta' Baħar iċ-Ċagħaq dwar proposta li dan il-grupp jieħu ħsieb parti mill-ġnien ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Is-Sindku spjega dettalji tekniċi dwar ir-responsabbiltà tal-ġnien u offrielhom li għalissa jieħdu ħsieb il-pots ta' mad-dawra. F'dan l-istadju qed naraw min għandu aċċess għall-ġiebja tal-ġnien.

3.1.6. Fit-22 ta' Marzu wkoll infetħet il-wirja taċ-ċeramika mtella' minn Paul Vella.

3.1.7. Fil-24 ta' Frar saret il-laqgħa tar-reġjun Tramuntana.

3.1.8. Fis-26 ta' Frar saret il-laqgħa ta' kull xahar mal-Community Police.

3.1.9. Fis-27 ta' Frar is-Sindku kellu laqgħa mal-għaqda Peace dwar l-attività tal-motor show li se tkun imtella' minnhom.

3.1.10. Fit-8 ta' Marzu il-Kunsill ospita għal ġurnata delegazzjoni minn Scicli fi-Sqallija dwar proġett li kien qed ikun maħsub li jsir ġewwa n-Naxxar. Is-Sindku spjega li minkejja li kollox mar sew u kien hemm qbil, il-Kunsill innota li l-piż ta' din l-attività ma kienx qed jinqasam sew. B'hekk ġie deċiż li titwaqqaf l-organizzazzjoni ta' din l-attività.

3.1.11. Fis-17 ta' Marzu saru l-intervisti għall-kariga ta' Clerical Officer ġewwa l-Kunsill. Il-Kunsill irċieva 29 applikazzjoni li minnhom intgħażlu dawk eliġibbli u minn fosthom intgħażlu tnejn għat-tieni interview. Fil-20 ta' Marzu saru t-tieni intervisti li minnhom intgħażel l-impjegat.

3.1.12. Fit-18 ta' Marzu saret laqgħa mal-AKL li kienet bejn numru ta' Sindki li qasmu problemi li jaffaċjaw.

3.1.13. Fil-25 ta' Marzu saret il-laqgħa mas-Satellite group ta' Baħar iċ-Ċagħaq.

3.2. F'dan il-mument wasal il-kunsillier Brincat il-ħin kien 6.12pm.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI;

4.1. Il-Kunsillier Sciberras staqsa lis-Sindku:

4.1.1. CQ 2/2025 - **Speed Calming Measures fi Triq il-Latmija c/w Triq is-Salina - Mistoqsija:** Jista' s-Sindku jinforma lill-Kunsill dwar iż-żmien meta ser jiġu esegwiti x-xogħlijiet relatati mal-miżuri ta' tnaqqis tal-veloċità f'din iż-żona? Dawn kienu jinkludu: L-installazzjoni ta' tabelli ta' twissija fi Triq is-Salina biex jindikaw lix-xufiera li ġejja side road. Il-possibbiltà li tinbidel il-bankina sabiex jiġi faċilitat l-aċċess minn Triq il-Latmija c/w Triq is-Salina, speċjalment għall-karozzi li jridu jitilgħu lejn in-Naxxar (fuq in-naħa tax-xellug). L-ewwel talba dwar dan il-każ saret fid-14 ta' Novembru 2022.

4.1.2. **Tweġiba mis-Sindku:** It-tabelli ta' twissija fi Triq is-Salina ġew ordnati u installati mill-Kunsill fis-7 ta' Marzu 2024. Il-proposta biex tinbidel il-

bankina għaddiet għand Transport Malta f' Jannar 2023 (tkt #53341). S' issa l-Kunsill Lokali għadu bla risposta.

4.1.3. CQ 3/2025 - **Parking Area fi Triq il-Ġonna tal-Barbier - Mistoqsija**: Jista' s-Sindku jinforma lill-Kunsill dwar il-progress tax-xogħlijiet fuq iż-żona tal-parkeġġ fi Triq il-Ġonna tal-Barbier, inkluż il-kompletament tar-railings? Minn informazzjoni li għandu l-Kunsill, dan ix-xogħol kellu jitkompla f'April 2024.

4.1.4. **Tweġiba mis-Sindku**: Il-komunikazzjoni dwar dan il-każ bdiet f'Mejju 2023. Kien hemm diversi korrispondenzi bejn Mejju 2023 u April 2024. Fl-aħħar email li l-Kunsill irċieva mingħand Infrastructure Malta, ġie infurmat li kienet se ssir spezzjoni fuq il-post biex jiġi determinat x'għad hemm bżonn isir. Minkejja li l-Kunsill Lokali talab li jkun infurmat dwar l-eżitu tal-ispezzjoni, s'issa ma waslet l-ebda informazzjoni ulterjuri.

4.1.5 CQ 4/2025 - **Parking Areas fis-Salina - Mistoqsija**: Jista' s-Sindku jiċċara jekk il-parkeġġi li jinsabu quddiem ir-ristoranti fis-Salina humiex taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill rigward it-tindif u l-manutenzjoni tal-ħaxix? Jekk le, jista' jiġi indikata l-entità responsabbli u meta dawn il-parkeġġi mistennija jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsill?

4.1.6. **Tweġiba mis-Sindku:** Qed ikun mifhum li l-mistoqsija qed tirreferi għaż-żona fi Triq il-Ġonna tal-Barbier li ġiet kostruwita minn Infrastructure Malta. Peress li s-soft area ma kienetx teżisti meta sar il-kuntratt tas-soft areas (manutenzjoni tal-ġonna), bħalissa ma taqax taħt il-kuntratt imħaddem fil-preżent. Tajjeb insemmi li minkejja dan, il-kuntrattur xorta waħda ġieli għamel xogħol ta' qtugħ ta' ħaxix minnha. Hekk kif isir kuntratt ġdid, din iż-żona se tkun inkluża għall-manutenzjoni. Il-knis u t-tindif tat-toroq isiru kull nhar ta' Tnejn.

4.1.7. CQ 5/2025 - **Linja Intermittenti fi Triq is-Salina - Mistoqsija:** Jista' s-Sindku jinforma lill-Kunsill dwar il-miżuri li ttieħdu wara li Transport Malta rrifjutat it-talba biex tiġi installata linja intermittenti fit-tarf ta' Triq is-Salina? Transport Malta sostniet li tali linja tista' tikkawża periklu minħabba n-nuqqas ta' viżibilità, iżda din ir-raġuni tidher kontradittorja peress li l-bqija tat-triq kollha diġà għandha linja intermittenti. L-ewwel talba għal din il-miżura saret fid-19 ta' Mejju 2024.

4.1.8. Tweġiba mis-Sindku: Wara li fil-15 ta' Lulju 2024, Transport Malta informawna li r-rikjesta kienet miċħuda minħabba nuqqas ta' viżibilità li jista' joħloq periklu, il-każ reġa' tressaq fis-Sottokumitat għat-Talbiet u lmenti fi Frar 2025. B'riżultat saret talba oħra lil TM li wkoll ġiet miċħuda. Aġġornament dwar il-każ ġie ppreżentat fis-Sottokumitat f'Marzu 2025. Is-sottokumitat qabel li l-Kunsill jappella minn din id-deċiżjoni ta' Transport Malta. L-appell ġie sottomess lil Transport Malta fil-25 ta' Marzu 2025 u bħalissa qed nistennew rispons.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI:

### A. SKEDA TAL-PAGAMENTI;

**i)** Il-Kunsillier Sciberras iddikjara li għandu konflitt ta' interess. Huwa ma pparteċipax bl-ebda mod f'din il-parti tal-laqgħa.

### B. SKEDA TA' DĦUL

### C. SKEDA TA' ORDNIJIET

**D. NFIQ MILL-PETTY CASH**

5.1. Il-Kunsill approva dawn ir-rapporti msemmija fuq; jipproponi l-Kunsillier Sciberras, jissekonda l-Kunsillier Deguara.

**E. REKLAMAR MAL-GĦAQDIET U PARTEĊIPAZZJONI F'ATTIVITAJIET;**

5.2. Is-Sindku fakkar li hemm restrizzjonijiet ta' kemm il-Kunsill jista' jħallas f'riklami. Għalhekk is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill iżomm mal-baġit sa' massimu ta' Eur500 għal reklamar jew attività ma' kull għaqda, fid-dawl li r-reklami offruti jkunu tal-valur li qed jintalab. Minkejja dan, is-Sindku sostna li l-għaqdiet se jibqgħu jingħataw l-għajnuna f'permessi u gwardjani lokali, dejjem sakemm jibqgħu ikunu rifondati lura mir-Reġjun Tramunata.

## 6. MINUTI TAL-LAQGĦA TAS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U L-LMENTI;

6.1. Il-Kunsill approva dawn il-minuti *nem com*. Ippropona l-kunsillier Sciberras u ssekonda l-Kunsillier Deguara.

## 7. SKEMI:

### 7.1. SKEMA GĦALL-ATTIVITAJIET KULTURALI 2025.2026;

7.1.1. Is-Sindku fakkar li s-sottokumitat għall-attivitajiet kulturali diġà ltaqa bosta drabi u kien hemm diskussjonijiet rigward attivitajiet li jistgħu jittellgħu. Is-Sindku informa li biex il-Kunsill japplika għal attività li ssir qabel Ġunju 2025 l-applikazzjoni kompluta trid tkun sottomessa sal-Ġimgħa 28 ta' Marzu u għalhekk dan ma kienx possibbli.

7.1.2. Wara diskussjonijiet il-Kunsill qabel li jiddiskuti data u attività f'aktar dettall waqt il-laqgħa tas-sottokumitat

### 7.2. INIZJATTIVA FINANZJARJA - LOKALITAJIET AKTAR NODFA 2025;

7.2.1. Il-Kunsill qabel li japplika għal din l-iskema skont id-direzzjoni li jagħti l-Kunsillier responsabbli.

### 7.3. ESPRESSJONI TA INTERESS - MILIED 2025;

7.3.1. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li l-attività ssir fuq ġurnata waħda u tinżamm ġurnata oħra proviżorja f'każ ta' maltemp.

## 8. IMPJIEG TA' SKRIVAN/A;

8.1. Is-Sindku fakkar li għal dan l-impjieg applikaw 29 ruħ li minnhom ġew *shortlisted* tnejn. Minnhom intgħażel persuna li beda jaħdem it-Tnejn 24 ta' Marzu.

8.2. Il-Kunsillieri ngħataw kopja tar-rapport tal-ingaġġ li jinkludi d-dettalji kollha.

## 9. KONSULTAZZJONI DWAR IMMANIĠĠJAR TAT-TRAFFIKU FL-INĦAWI TA' TRIQ IN-NUTAR DEBONO;

9.1. Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir laqgħa pubblika ta' konsultazzjoni għall-immaniġġjar tat-traffiku f'dan l-inħawi.

9.2. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li l-laqgħa pubblika ssir is-Sibt 3 ta' Mejju fil-

11am.

9.3. Il-Kunsill qabel ukoll li jitqassam il-fuljett bħala stedina u spjega.

## 10. ESPRESSJONI TA' INTERESS GĦALL-ĦLAS TA' KONTIJIET TAD-DAWL U L-ILMA FIL-KUNSILL;

10.1. Is-Sindku informa li kienet waslet korrispondenza mill-AKL tistaqsi lill-Kunsilli min hu interessat li joffri s-servizz tal-ħlas tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma u ġbir tal-karti tal-identità.

10.2. F'dan ir-rigward il-Kunsill qabel li jitlob aktar informazzjoni speċjalment vis a vie spejjeż u xogħol addizzjonali għall-Kunsill. Wara li jkollu l-informazzjoni jkun jista' jikkunsidra din il-proposta.

## 11. ESPRESSJONI TA' INTERESS BIEX JINĠABRU L-KARTI TAL-IDENTITÀ MILL-KUNSILL;

11.1. Dan il-punt ġie diskuss mal-punt preċedenti u ttieħdet l-istess deċiżjoni, ċoè li jkun ikkunsidrat la darba jkollu l-informazzjoni.

## 12. PARTEĊIPAZZJONI FI PROĠETTI EWROPEJ;

12.1. Is-SE informa li l-kunsill kien mistieden jipparteċipa fi proġett Ewropew relatat maż-żagħżagħ. Ma' jinvolvix spejjeż u impenn għal kunsill ħlief promozzjoni jekk dan jintgħażel. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa.

12.2. Is-SE informa wkoll li s-sena l-oħra l-kunsill kien *partner* f'applikazzjoni għal proġett Ewropew dwar immaniġġjar tal-iskart, li ma kienx intgħażel u li se jerġa jkun sottomess din is-sena. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa.

12.3. Is-Sindku informa li kien hemm opportunità għal scuba diving course fi Sqallija għal ġimgħa għan-nies bi bżonnijiet speċjali bejn 18 u 45 sena.

## 13. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.

13.1. Il-laqgħa ntemmet fis-6.46pm.

13.2. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir l-Erbgħa 30 ta' April fis-18.00.

| | |
|---|---|
| **DOTT. CHRISTOPHER DEGUARA** | **PAUL GATT** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |

**Laqgħa numru 10 – 26 ta' Marzu 2025**

Il-Kunsillier Sciberras staqsa lis-Sindku:

**CQ 2/2025 - Speed Calming Measures fi Triq il-Latmija c/w Triq is-Salina**

***Mistoqsija:*** Jista' s-Sindku jinforma lill-Kunsill dwar iż-żmien meta ser jiġu esegwiti x-xogħlijiet relatati mal-miżuri ta' tnaqqis tal-veloċità f'din iż-żona? Dawn kienu jinkludu:

- L-installazzjoni ta' tabelli ta' twissija fi Triq is-Salina biex jindikaw lix-xufiera li ġejja side road.
- Il-possibbiltà li tinbidel il-bankina sabiex jiġi faċilitat l-aċċess minn Triq il-Latmija c/w Triq is-Salina, speċjalment għall-karozzi li jridu jitilgħu lejn in-Naxxar (fuq in-naħa tax-xellug). L-ewwel talba dwar dan il-każ saret fid-14 ta' Novembru 2022.

***Tweġiba mis-Sindku:***

- It-tabelli ta' twissija fi Triq is-Salina ġew ordnati u installati mill-Kunsill fis-7 ta' Marzu 2024.
- Il-proposta biex tinbidel il-bankina għaddiet għand Transport Malta f'Jannar 2023 (tkt #53341). S'issa l-Kunsill Lokali għadu bla risposta.

---

**CQ 3/2025 - Parking Area fi Triq il-Ġonna tal-Barbier**

***Mistoqsija:*** Jista' s-Sindku jinforma lill-Kunsill dwar il-progress tax-xogħlijiet fuq iż-żona tal-parkeġġ fi Triq il-Ġonna tal-Barbier, inkluż il-kompletament tar-railings? Minn informazzjoni li għandu l-Kunsill, dan ix-xogħol kellu jitkompla f'April 2024.

***Tweġiba mis-Sindku:*** Il-komunikazzjoni dwar dan il-każ bdiet f'Mejju 2023. Kien hemm diversi korrispondenzi bejn Mejju 2023 u April 2024. Fl-aħħar email li l-Kunsill irċieva mingħand Infrastructure Malta, ġie infurmat li kienet se ssir spezzjoni fuq il-post biex jiġi determinat x'għad hemm bżonn isir. Minkejja li l-Kunsill Lokali talab li jkun infurmat dwar l-eżitu tal-ispezzjoni, s'issa ma waslet l-ebda informazzjoni ulterjuri.

---

**CQ 4/2025 - Parking Areas fis-Salina**

***Mistoqsija:*** Jista' s-Sindku jiċċara jekk il-parkeġġi li jinsabu quddiem ir-ristoranti fis-Salina humiex taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill rigward it-tindif u l-manutenzjoni tal-ħaxix? Jekk le, jista' jiġi indikata l-entità responsabbli u meta dawn il-parkeġġi mistennija jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsill?

***Tweġiba mis-Sindku:*** Qed ikun mifhum li l-mistoqsija qed tirreferi għaż-żona fi Triq il-Ġonna tal-Barbier li ġiet kostruwita minn Infrastructure Malta. Peress li s-soft area ma kienetx teżisti meta

sar il-kuntratt tas-soft areas (manutenzjoni tal-ġonna), bħalissa ma taqax taħt il-kuntratt imħaddem fil-preżent. Tajjeb insemmi li minkejja dan, il-kuntrattur xorta waħda ġieli għamel xogħol ta' qtugħ ta' ħaxix minnha.  Hekk kif isir kuntratt ġdid, din iż-żona se tkun inkluża għall-manutenzjoni. Il-knis u t-tindif tat-toroq isiru kull nhar ta' Tnejn.

---

**CQ 5/2025 - Linja Intermittenti fi Triq is-Salina**

***Mistoqsija:*** Jista' s-Sindku jinforma lill-Kunsill dwar il-miżuri li ttieħdu wara li Transport Malta rrifjutat it-talba biex tiġi installata linja intermittenti fit-tarf ta' Triq is-Salina? Transport Malta sostniet li tali linja tista' tikkawża periklu minħabba n-nuqqas ta' viżibilità, iżda din ir-raġuni tidher kontradittorja peress li l-bqija tat-triq kollha diġà għandha linja intermittenti. L-ewwel talba għal din il-miżura saret fid-19 ta' Mejju 2024.

***Tweġiba mis-Sindku**:* Wara li fil-15 ta' Lulju 2024, Transport Malta informawna li r-rikjesta kienet miċħuda minħabba nuqqas ta' viżibilità li jista' joħloq periklu, il-każ reġa' tressaq fis-Sottokumitat għat-Talbiet u lmenti fi Frar 2025. B'riżultat saret talba oħra lil TM li wkoll ġiet miċħuda.

Aġġornament dwar il-każ ġie ppreżentat fis-Sottokumitat f'Marzu 2025.  Is-sottokumitat qabel li l-Kunsill jappella minn din id-deċiżjoni ta' Transport Malta. L-appell ġie sottomess lil Transport Malta fil-25 ta' Marzu 2025 u bħalissa qed nistennew rispons.

---

Kunsill Lokali: In-Naxxar

Seduta tal-Laqgħa nr 9/10

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Data: Mit-13 ta' Frar 2025 sa 19 ta' Marzu 2025

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Adi Associates | €118.00 | €118.00 | T | PF | Review of planning applications - Feb 25 | 28/02/2025 | 4636 | n/a | n/a | 3190 | Professional - Other Support Services |
| 2 | Advisory 21 | €413.00 | €413.00 | T | PF | DPO Services for Feb 2025 | 28/02/2025 | 2018-7000 | n/a | n/a | 3190 | Professional - Other Support Services |
| 3 | Apcopay | €212.40 | €212.40 | NA | PF | Gateway access fee from Feb 25 to Jan 26 | 20/02/2025 | 26612 | n/a | n/a | 3110 | Professional - IT Development Services |
| 4 | Apcopay | €21.21 | €0.00 | NA | PF | BOV transactions for Jan 25 | 19/02/2025 | 26503 | n/a | n/a | 3035 | Bank Charges |
| 5 | Apcopay | €23.98 | €0.00 | NA | PF | BOV transactions for Feb 25 | 12/03/2025 | 26882 | n/a | n/a | 3035 | Bank Charges |
| 6 | Michela Aquilina | €160.00 | €160.00 | NA | PF | Service of animator -Junior Science Club Feb 25 | 21/02/2025 | nr 5 | n/a | n/a | 3190 | Professional - Other Support Services |
| 7 | Arms | €67.23 | €67.23 | NA | PF | Bill for Open gym (9.11.24-10.1.25) | 21/02/2025 | 40062793 | n/a | n/a | 2130 | Electricity |
| 8 | Arms | €79.21 | €79.21 | NA | PF | Bill for garage Hal Dghejf (21.11.24-3.1.25) | 19/02/2025 | 40035643 | n/a | n/a | 2130 | Electricity |
| 9 | Arms | €201.99 | €201.99 | NA | PF | Bill for Old mill (5.11.24-3.1.25) | 19/02/2025 | 40044110 | n/a | n/a | 2130 | Electricity |
| 10 | Arms | €43.18 | €43.18 | NA | PF | Bill for San Pawl tat-Targa (23.11.24-24.1.25) | 05/03/2025 | 40182114 | n/a | n/a | 2130 | Electricity |
| 11 | Jurgen Attard | €390.00 | €390.00 | K | PF | Football ground guardian Feb 2025 | 28/02/2025 | 3392 | n/a | n/a | 3191 | Professional - Football Ground Warden |
| 12 | B. Grima & Sons | €773.37 | €773.37 | K | PF | Supply of signs, brackets and bolts | 04/03/2025 | 10015868 | 51/25 | 51/25 | 2313 | Repairs -Street Signs |
| 13 | B. Grima & Sons | €251.34 | €251.34 | K | PF | Supply of signs, brackets and bolts | 19/02/2025 | 10015823 | 38/25 | 38/25 | 2313 | Repairs -Street Signs |
| 14 | Bank of Valletta | €30.00 | €30.00 | NA | PF | Bank certificate to Auditors fee | 04/03/2025 | rec nr 43371 | n/a | n/a | 3035 | Bank Charges |
| 15 | Bitmac | €96.24 | €96.24 | K | PF | Instant road repair bags | 17/02/2025 | 166191 | 46/25 | 46/25 | 2311 | Repairs -Road Patching |
| 16 | Bitmac | €96.29 | €96.29 | K | PF | Instant road repair bags | 24/02/2025 | 166899 | 47/25 | 47/25 | 2311 | Repairs -Road Patching |
| 17 | Bitmac | €96.29 | €96.29 | K | PF | Instant road repair bags | 24/02/2025 | 166927 | 49/25 | 49/25 | 2311 | Repairs -Road Patching |
| 18 | Bitmac | €48.14 | €48.14 | K | PF | Instant road repair bags | 27/02/2025 | 167271 | 54/25 | 54/25 | 2311 | Repairs -Road Patching |
| 19 | Bitmac | €96.29 | €96.29 | K | PF | Instant road repair bags | 28/02/2025 | 167397 | 55/25 | 55/25 | 2311 | Repairs -Road Patching |
| 20 | Bitmac | €96.24 | €96.24 | K | PF | Instant road repair bags | 05/03/2025 | 167779 | 59/25 | 59/25 | 2311 | Repairs -Road Patching |
| 21 | Bitmac | €96.29 | €96.29 | K | PF | Instant road repair bags | 12/03/2025 | 168414 | 63/25 | 63/25 | 2311 | Repairs -Road Patching |
| 22 | Bitmac | €96.29 | €96.29 | K | PF | Instant road repair bags | 12/03/2025 | 168397 | 60/25 | 60/25 | 2311 | Repairs -Road Patching |
| 23 | Bitmac | €96.29 | €96.29 | K | PF | Instant road repair bags | 17/03/2025 | 168832 | 67/25 | 67/25 | 2311 | Repairs -Road Patching |
| 24 | Brass House Unit | €1,900.00 | €1,900.00 | K | PF | 5-piece band for Jum in-Naxxar 7.2.25 | 13/02/2025 | 461 | 014/25 | 014/25 | 3360 | Community - Social Events |
| 25 | Brass House Unit | €400.00 | €400.00 | K | PF | PA system for Jum in-Naxxar | 13/02/2025 | 462 | 029/25 | 029/25 | 3360 | Community - Social Events |
| 26 | Briiz | €1,445.50 | €1,445.50 | K | PF | Cleaning of public conv Triq tal-Labour Feb 25 | 28/02/2025 | 68983 | n/a | n/a | 3053 | Clean-Public Conveniences |
| 27 | Casasoft Ltd | €413.00 | €413.00 | NA | PF | Hosting for website naxxarwalks.com Apr 25-Mar 26 | 01/03/2025 | 2433 | n/a | n/a | 3110 | Professional - IT Development Services |
| 28 | Calleja Ltd | €673.30 | €673.30 | K | PF | Lights and fittings for Gnien l-Unjoni Ewropea | 13/02/2025 | 70131351 | 005/25 | 005/25 | 2360 | Repairs - Plant & Equipment |
| 29 | Grace Camilleri | €231.24 | €231.24 | NA | PF | Librarian services for Feb 2025 | 28/02/2025 | | n/a | n/a | 2995 | Information - Library |
| 30 | Central Asphalt | €33.04 | €33.04 | D | PF | 2 concrete slabs | 10/03/2025 | 18393 | n/a | n/a | 2310 | Repairs -Public Property |
| 31 | Benjamin Cilia | €69.97 | €69.97 | D | PF | Diesel for generator, pipe etc | 26/02/2025 | Various | n/a | n/a | 2620 | Office Services - Stationery |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

_________________
Dr Chris Deguara
Sindku

_________________
Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

_________________
Proponent

_________________
Sekondant

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: Mit-13 ta' Frar 2025 sa 19 ta' Marzu 2025**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 32 | Benjamin Cilia | €1,976.69 | €1,976.69 | T | PF | Handyman service for Feb 2025 | 04/03/2025 | | n/a | n/a | 3125 | Professional - Handyman Service |
| 33 | CRC Group | €336.72 | €336.72 | K | PF | 2 chairs for conference and 1 for Mayor's office | 06/03/2025 | 28578 | 52/25 | 52/25 | 7310 | Asset- Office Equipment |
| 34 | Datatrak | €7.61 | €7.61 | NA | PF | 1 pre-regional ticket for Feb 25 | 28/02/2025 | 1015693 | n/a | n/a | 3610 | LES Related Expenses |
| 35 | DOI | €10.00 | €10.00 | NA | PF | Advert re NLC/01/2025: Tender for the services of 2 handypersons | 26/02/2025 | email | n/a | n/a | 2940 | Advertising - doi etc |
| 36 | Dolceria Appettitosa | €30.00 | €30.00 | K | PF | Catering for event at Tal-Ghaqba Mithna on 31.1.25 | 15/02/2025 | 9913 | 031/25 | 031/25 | 3360 | Community - Social Events |
| 37 | Dylan's House of Candy | €600.00 | €600.00 | K | PF | Tifkiriet ghal-wirja tal-Karnival 2025 | 25/02/2025 | 024/25 | 048/25 | 048/25 | 3360 | Community - Social Events |
| 38 | E&J Mangion | €300.00 | €300.00 | K | PF | Opening and cleaning of water culvert in Triq G Stivala | 07/03/2025 | 30559 | 61/25 | 61/25 | 2310 | Repairs -Public Property |
| 39 | Epic | €60.26 | €60.26 | NA | PF | Bill for 79404014 for Mar 2025 and usage Feb 25 | 01/03/2025 | 14532794032025 | n/a | n/a | 2160 | Communications-Telephone Charges |
| 40 | Epic | €41.77 | €41.77 | NA | PF | Bill for 99370990 for Mar 2025 and usage Feb 25 | 01/03/2025 | 14533399032025 | n/a | n/a | 2160 | Communications-Telephone Charges |
| 41 | Christopher Falzon | €100.00 | €100.00 | K | PF | Preparation and publication of tender for the services of 2 handypersons | 03/03/2025 | 397 | 57/25 | 57/25 | 3190 | Professional - Other Support Services |
| 42 | Galea Cleaning Solutions | €11,215.79 | €11,215.79 | T | PF | Street sweeping for Feb 2025 | 28/02/2025 | 331 | n/a | n/a | 3051 | Road & Street Cleaning |
| 43 | Galea Cleaning Solutions | €1,062.00 | €1,062.00 | T | PF | Street sweeping for Feb 2025 - extra | 28/02/2025 | 332 | n/a | n/a | 3051 | Road & Street Cleaning |
| 44 | GO plc | €40.01 | €40.01 | NA | PF | Rental for Mar 25 and usage for 21416341 Feb 25 | 01/03/2025 | 95518698 | n/a | n/a | 2160 | Communications-Telephone Charges |
| 45 | GO plc | €16.50 | €16.50 | NA | PF | Rental for 21416363 for Mar 25 | 01/03/2025 | 95518701 | n/a | n/a | 2160 | Communications-Telephone Charges |
| 46 | GO plc | €22.37 | €22.37 | NA | PF | Rental for Mar 25 and usage for 21417224 Feb 25 | 01/03/2025 | 95518714 | n/a | n/a | 2160 | Communications-Telephone Charges |
| 47 | Greenpak | €147.50 | €147.50 | NA | PF | Monthly internet connection fee for 5 different locations-Feb 25 | 28/02/2025 | 39140 | n/a | n/a | 2160 | Communications-Telephone Charges |
| 48 | Guarantee | €120.00 | €120.00 | NA | PF | Refund after works in Triq Andrea Debono | 01/03/2025 | g. 46168 | n/a | n/a | 4006 | Refundable Deposits (Contractor Guarantees) |
| 49 | Guarantee | €120.00 | €120.00 | NA | PF | Refund after works in Triq F. W. Ryan | 01/03/2025 | g. 46015 | n/a | n/a | 4006 | Refundable Deposits (Contractor Guarantees) |
| 50 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq il-Lampara | 01/03/2025 | g.35893 | n/a | n/a | 4006 | Refundable Deposits (Contractor Guarantees) |
| 51 | Guarantee | €120.00 | €120.00 | NA | PF | Refund after works in Triq Castro | 01/03/2025 | g.46155 | n/a | n/a | 4006 | Refundable Deposits (Contractor Guarantees) |
| 52 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq Jean de la Valette | 10/03/2025 | g. 34816 | n/a | n/a | 4006 | Refundable Deposits (Contractor Guarantees) |
| 53 | Guarantee | €120.00 | €120.00 | NA | PF | Refund after works in Triq E Bradford | 15/03/2025 | g. 908 | n/a | n/a | 4006 | Refundable Deposits (Contractor Guarantees) |
| 54 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq l-Emigranti | 20/03/2025 | g. 28739 | n/a | n/a | 4006 | Refundable Deposits (Contractor Guarantees) |
| 55 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq E Bradford | 20/03/2025 | g. 46194 | n/a | n/a | 4006 | Refundable Deposits (Contractor Guarantees) |
| 56 | | | | | | | | | | | | #N/A |
| 57 | Image systems | €144.14 | €144.14 | NA | PF | Usage and rent billing for xerox Feb 25 | 28/02/2025 | 614995 | n/a | n/a | 2670 | Other Office Services |
| 58 | Impressions | €18.89 | €18.89 | K | PF | Certificates for Gieh in-Naxxar | 06/02/2025 | 86813 | 041/25 | 041/25 | 2620 | Office Services - Stationery |
| 59 | Inland Revenue Dept | €4,109.64 | €4,109.64 | NA | PF | FSS & NI Feb 2025 | 26/02/2025 | | n/a | n/a | 1500 | Social Security Cont. |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

______________ ______________

Dr Chris Deguara
Sindku

Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet

PP - Part Payment, PF - Paid in Full.

______________ ______________

Proponent

Sekondant

Kunsill Lokali: In-Naxxar

Seduta tal-Laqgħa nr 9/10

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

Data: Mit-13 ta' Frar 2025 sa 19 ta' Marzu 2025

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 60 | Lesa | €3.49 | €3.49 | NA | PF | 10% admin fee for Tickets pd by LESA Jan 25 | 12/02/2025 | 22-013718 | n/a | n/a | 3610 | LES Related Expenses |
| 61 | | | | | | | | | | | | #N/A |
| 62 | Lift services | €125.00 | €125.00 | NA | PF | Lift Preventive inspection and certification | 04/02/2025 | 427741 | n/a | n/a | 3130 | Professional - Engineering Services |
| 63 | Melita plc | €217.35 | €217.35 | D | PF | Internet service for different locations Mar 25 | 01/03/2025 | 118497289 | n/a | n/a | 2160 | Communications-Telephone Charges |
| 64 | Micamed | €696.79 | €696.79 | T | PF | T005 - zebra crossings to be connected Triq L Falzon | 17/02/2025 | 13484 | n/a | n/a | 3065 | Street Lighting Contract |
| 65 | Micamed | €539.26 | €539.26 | T | PF | W231 Triq l-Ghakkies | 17/02/2025 | 13582 | n/a | n/a | 3065 | Street Lighting Contract |
| 66 | Micamed | €968.78 | €968.78 | T | PF | T003 - belisha lights near Scotts s/market | 17/02/2025 | 13492 | n/a | n/a | 3065 | Street Lighting Contract |
| 67 | Micamed | €571.12 | €571.12 | T | PF | W283 Triq ic-Cirasa | 24/02/2025 | 13593 | n/a | n/a | 3065 | Street Lighting Contract |
| 68 | Micamed | €9,048.24 | €9,048.24 | T | PF | 5 sets Belisha Triq Leli Falzon | 24/02/2025 | 13616 | n/a | n/a | 3065 | Street Lighting Contract |
| 69 | Micamed | €23.60 | €23.60 | T | PF | W093 Triq Jean de la Valette | 24/02/2025 | 13588 | n/a | n/a | 3065 | Street Lighting Contract |
| 70 | Micamed | €523.33 | €523.33 | T | PF | W541 Triq in-Nawfragju | 24/02/2025 | 13601 | n/a | n/a | 3065 | Street Lighting Contract |
| 71 | Micamed | €561.09 | €561.09 | T | PF | W107 Triq il-Gnien | 24/02/2025 | 13585 | n/a | n/a | 3065 | Street Lighting Contract |
| 72 | Micamed | €545.16 | €545.16 | T | PF | W014 Triq il-Katakombi | 24/02/2025 | 13598 | n/a | n/a | 3065 | Street Lighting Contract |
| 73 | Micamed | €355.18 | €355.18 | T | PF | T002 Triq il-Kbira | 28/02/2025 | 13566 | n/a | n/a | 3065 | Street Lighting Contract |
| 74 | Micamed | €182.90 | €182.90 | T | PF | T004 tinqala bozza u tehel fi triq ohra | 12/03/2025 | 13611 | n/a | n/a | 3065 | Street Lighting Contract |
| 75 | Micamed | €545.16 | €545.16 | T | PF | L489 Triq P Brydone | 12/03/2025 | 13641 | n/a | n/a | 3065 | Street Lighting Contract |
| 76 | Micamed | €539.26 | €539.26 | T | PF | W294 Triq l-Ghajnbaqar | 12/03/2025 | 13623 | n/a | n/a | 3065 | Street Lighting Contract |
| 77 | Micamed | €539.26 | €539.26 | T | PF | W455 Triq l-Imdina | 12/03/2025 | 13644 | n/a | n/a | 3065 | Street Lighting Contract |
| 78 | Micamed | €391.76 | €391.76 | T | PF | W381 shifting Triq l-Iskola | 12/03/2025 | 13625 | n/a | n/a | 3065 | Street Lighting Contract |
| 79 | Micamed | €588.23 | €588.23 | T | PF | S386 Triq il-Vittmi tan-nar Naxxarin | 12/03/2025 | 13642 | n/a | n/a | 3065 | Street Lighting Contract |
| 80 | Victor Mula | €1,930.36 | €1,930.36 | T | PF | Handyman service for Feb 25 | 04/03/2025 | | n/a | n/a | 3125 | Professional - Handyman Service |
| 81 | Pama Supermarket | €89.72 | €89.72 | K | PF | Cleaning and office supplies | 27/02/2025 | 232502271 | 50/25 | 50/25 | 2670 | Other Office Services |
| 82 | Paramount | €311.52 | €311.52 | K | PF | Transport services for January 2025 | 19/02/2025 | 10014466 | 001/25 | 044/25 | 2720 | Transport -Hire of Transport |
| 83 | Paramount | €311.52 | €311.52 | K | PF | Transport services for February 2025 | 17/03/2025 | 10014586 | 37/25 | 044/25 | 2720 | Transport -Hire of Transport |
| 84 | Romina Perici Ferrante | €82.60 | €82.60 | T | PF | Online Submission of FS7 2024 | 14/02/2025 | .25/008 | n/a | n/a | 3190 | Professional - Other Support Services |
| 85 | Romina Perici Ferrante | €59.00 | €59.00 | T | PF | Data Template requested by DLG App 2 | 17/02/2025 | .25/010 | n/a | n/a | 3190 | Professional - Other Support Services |
| 86 | Projeckte | €106,540.17 | €106,540.17 | T | PF | Certificate 3 Masgar it-tfal | 04/03/2025 | INA12631 | n/a | n/a | 7606 | Assets not yet capitilized - Masgar it-tfal |
| 87 | Projeckte | €16,849.30 | €16,849.30 | T | PF | 10% retention on cert 1,2,3- Masgar it-tfal | 28/02/2025 | | n/a | n/a | 7606 | Assets not yet capitilized - Masgar it-tfal |
| 88 | Ramilene | €377.60 | €377.60 | K | PF | A4 photocopy papers | 12/02/2025 | 25958 | 45/25 | 45/25 | 2620 | Office Services - Stationery |
| 89 | Radix | €12,703.50 | €12,703.50 | T | PF | re compensation addendum re windmill mechanism | 18/03/2025 | addendum | n/a | n/a | 7601 | Asset- Culture Mill Project |
| 90 | Refund | €90.00 | €90.00 | NA | PF | Refund re edreams subscription | 18/03/2025 | tkt89874 | n/a | n/a | 3330 | Visits-Foreign Delegation |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

__________________
Dr Chris Deguara
Sindku

__________________
Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

__________________
Proponent

__________________
Sekondant

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

Data: Mit-13 ta' Frar 2025 sa 19 ta' Marzu 2025

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 91 | Refund | €299.85 | €299.85 | K | PF | 5 flights - preparing for Scicli event | 28/02/2025 | tkt88902 | n/a | n/a | 3330 | Visits-Foreign Delegation |
| 92 | Refund | €21.72 | €21.72 | NA | PF | Trasport for meeting re Karnival funds 2025 | 05/03/2025 | uber | n/a | n/a | 2720 | Transport -Hire of Transport |
| 93 | Refund | €24.42 | €24.42 | NA | PF | Trasport for meeting re Vjal Kulhadd funds 2025 | 05/03/2025 | uber | n/a | n/a | 2720 | Transport -Hire of Transport |
| 94 | Refund | €657.00 | €657.00 | NA | PF | Sicilian event on 8/3/2025 | 10/03/2025 | as per receipts | n/a | n/a | 3330 | Visits-Foreign Delegation |
| 95 | Richie's Ironmongery | €23.84 | €23.84 | K | PF | Ironmongery items as needed | 01/01/2025 | 13927AA | n/a | n/a | 2210 | Operating Materials & Supplies |
| 96 | Simply Clean | €825.06 | €825.06 | T | PF | Cleaning of LC offices for Feb 25 | 05/03/2025 | 568 | n/a | n/a | 3055 | Cleaning-Council Premises |
| 97 | Simply Clean | €91.10 | €91.10 | T | PF | Mithna tal-ghaqba cleaning for Feb 25 | 08/03/2025 | 575 | n/a | n/a | 3060 | Other Contractual Service |
| 98 | Simply Clean | €2,341.71 | €2,341.71 | T | PF | Bulky refuse service for Feb 25 | 10/03/2025 | 577 | n/a | n/a | 3042 | Contractual -Bulky Refuse Collection |
| 99 | Talexio Ltd | €2.36 | €2.36 | NA | PF | additional employee for Oct 24 | 31/01/2025 | 13548 | n/a | n/a | 3190 | Professional - Other Support Services |
| 100 | Talexio Ltd | €2.36 | €2.36 | NA | PF | additional employee for Nov 24 | 31/01/2025 | 13809 | n/a | n/a | 3190 | Professional - Other Support Services |
| 101 | Talexio Ltd | €2.36 | €2.36 | NA | PF | additional employee for Dec24 | 31/01/2025 | 14061 | n/a | n/a | 3190 | Professional - Other Support Services |
| 102 | Talexio Ltd | €403.56 | €403.56 | NA | PF | Annual payroll and HR package and software support | 31/01/2025 | 5735 | n/a | n/a | 3190 | Professional - Other Support Services |
| 103 | Talexio Ltd | €2.36 | €2.36 | NA | PF | additional employee for Jan 25 | 31/01/2025 | 14375 | n/a | n/a | 3190 | Professional - Other Support Services |
| 104 | Talexio Ltd | €1.18 | €1.18 | NA | PF | additional employee for Feb 25 | 28/02/2025 | 14665 | n/a | n/a | 3190 | Professional - Other Support Services |
| 105 | Mark Taliana Gardening | €7,825.76 | €7,825.76 | T | PF | Gardening services for Feb 2025 | 28/02/2025 | 1878 | n/a | n/a | 3061 | Clean&Maint-Parks&Gardens |
| 106 | The Sign Factory | €141.60 | €141.60 | K | PF | Totem signs 2025 | 18/02/2025 | 5159 | 033/25 | 033/25 | 3190 | Professional - Other Support Services |
| 107 | Villa Arrigo | €1,180.00 | €1,180.00 | D | PF | Location of award ceremony 7.2.2025-Gieh in Naxxar 2024 | 07/02/2025 | 24647 | 13/25 | 13/25 | 3360 | Community - Social Events |
| | | **€200,447.70** | **€200,402.51** | | | | | | | | | #N/A |
| | | | | | | | | | | | | #N/A |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

________________
Dr Chris Deguara
Sindku

________________
Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

________________
Proponent

________________
Sekondant

**Kunsill Lokali In-Naxxar**

**Income List for the month of February 2025**

| Code | Description | Amount |
|---|---|---|
| | Other Government Income | €950.00 |
| 0001 | Annual allocation from Government | |
| 0015 | Other Government Income | €16.00 |
| 0020 | Commercial/directional signs | €1,300.00 |
| 0021 | Community services inc. Courses, Aerobics, outings etc | €40.00 |
| 0023 | Cultural Activities | |
| 0024 | Football ground hire | |
| 0025 | Skip Permit | €100.32 |
| 0026 | Crane Permit | €5,670.00 |
| 0027 | Kiosk Permit | |
| 0028 | Outside Activity permit | €6.99 |
| 0030 | Deposit of Material, scaffolding etc | €957.34 |
| 0031 | Hire of Council Hall | |
| 0032 | Permits for placing tables and chairs | |
| 0033 | #N/A | |
| 0036 | Contraventions | €34.94 |
| 0067 | #N/A | |
| 0110 | #N/A | |
| 0121 | Advertising | |
| 0125 | Trenching permits | €6.99 |
| 0200 | Debtors | |
| 4006 | Contractors guarantees | €2,550.00 |
| 4007 | Refunds to Council by individuals (such as for Gita, staff dinner etc) | |
| | **TOTAL** | **€11,632.58** |

| | | |
|---|---|---|
| **Receipts** | From | 57977 |
| | To | 58405 |

**List prepared by Charmaine Calleja** 03 March 2025

**Kunsill Lokali In-Naxxar**

**Purchase Order list for the month of February 2025** **03/03/2025**

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 04/02/2025 | 035/25 | S&R Handaq | road marking paint needed | 1,244.07 |
| 04/02/2025 | 036/25 | Bitmac Works Ltd | Instant road repair bags | 64.19 |
| 04/02/2025 | 037/25 | Paramount Garage | February Day Centre Outing | 118.00 |
| 04/02/2025 | 038/25 | B. Grima & Sons Ltd. | Signs needed | 251.34 |
| 05/02/2025 | 039/25 | Artisans Centre | Frame for Gieh in-Naxxar | 135.00 |
| 05/02/2025 | 040/25 | Amazon | Pixetool photostudio set | |
| 05/02/2025 | 041/25 | Impressions Ltd. | Certificates for Ġieh in-Naxxar | 18.88 |
| 05/02/2025 | 042/25 | Avantmed Ltd | back drop Jum in-Naxxar | 1,292.10 |
| 11/02/2025 | 043/25 | Richie's Ironmongery | rollers u kaptelli grizi | 39.25 |
| 11/02/2025 | 044/25 | Paramount Garage | Transport services for year 2025 | 2,515.76 |
| 12/02/2025 | 045/25 | Ramilene Malta | NLC/Q02/2025 - Quote for the Purchase of A4 Paper | 377.60 |
| 17/02/2025 | 046/25 | Bitmac Works Ltd | instant road repair bags | 96.24 |
| 21/02/2025 | 047/25 | Bitmac Works Ltd | instant road repair bags | 96.29 |
| 24/02/2025 | 048/25 | Dylans | Tifkiriet ghal wirja tal-karnival | 600.00 |
| 24/02/2025 | 049/25 | Bitmac Works Ltd | instant road repair bags | 96.29 |
| 25/02/2025 | 050/25 | PAMA | Cleaning and office supplies | 98.36 |
| 25/02/2025 | 051/25 | B. Grima & Sons Ltd. | signs needed | 727.12 |
| 26/02/2025 | 052/25 | CRC Malta | 2 chairs for conference and 1 for Mayor's office | 336.72 |
| 27/02/2025 | 053/25 | Paramount Garage | Day Centre March Outing (12/3/2025) | 118.00 |
| 27/02/2025 | 054/25 | Bitmac Works Ltd | instant road repair bags | 48.14 |
| 28/02/2025 | 055/25 | Bitmac Works Ltd | instant road repair bags | 96.29 |
| 28/02/2025 | 056/25 | Edreams | 5 flights re Scicli event | 299.85 |

# Naxxar Local Council

**Petty Cash - February 2025**

| For 04/02/2025 through 20/02/2025 | | | Balance | €200.00 | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| **Date** | **Supplier** | **Description** | **Amount Deposited** | **Amount Withdrawn** | **Reference** |
| | | Balance Brought Forward | €200.00 | | |
| 04/02/2025 | OK Home Ltd | 1 foldable chair | | €20.80 | 009/25 |
| 05/02/2025 | Richie's | 2 rollers | | €4.80 | 010/25 |
| 06/02/2025 | The Convenience | 4pkts milk | | €7.66 | 011/25 |
| 07/02/2025 | G&E Electronics | wires and plugs | | €30.80 | 012/25 |
| 11/02/2025 | Tater Pet shop | Aquasafe and sticks for fish | | €29.85 | 013/25 |
| 14/02/2025 | Ramilene | Stationery for LC office | | €49.56 | 014/25 |
| 14/02/2025 | Tessera | Smart anchor eye used for Triq G. Stivala | | €29.00 | 015/25 |
| 20/02/2025 | Archway | Firrol for conf room | | €20.00 | 016/25 |
| | | Return to float | €192.47 | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | **Totals** | €392.47 | €192.47 | |

|  |  |
|---|---|
| **Post:** | **Kunsill Lokali in-Naxxar** |
| **Data:** | **20 ta' Marzu 2025** |
| **Ħin:** | **11.15am** |
| **Preżenti:** | **Is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsillier Marlon Brincat, il-Kunsillier Pierre Sciberras, Is-Segretarju Eżekuttiv u Yanika Borg, uffiċjal tal-Kunsill.** |

**Is-SE ressaq l-ilmenti/talbiet fuq il-formoli apposta u li kienu jinkludu ritratti u site plans skont il-każ.**

**Dawn li ġejjin huma l-ilmenti/talbiet imressqa li jinkludu d-deċiżjoni tas-sotto-kumitat:**

| ***Ref. No.*** | ***Tkt. No.*** | ***Deskrizzjoni tat-talba*** | ***Isem tat-triq*** | ***Rakkomandazzjoni tal-Kumitat*** |
|---|---|---|---|---|
| | | **Aġġornament** - Minn Transport Malta;<br><br>Dear Ms. Borg,<br><br>Thank you for contacting Transport Malta.<br><br>With reference to your email, kindly note that the respective department has just informed us that there is not enough visibility to allow crossing of road in this particular location since it is situated at a bend and it is dangerous.<br><br>Thank you again and feel free to contact us again should you require any further assistance.<br><br>________________________________________<br>Talba biex il-linja ta-karreġġjata tiġi maqsuma u biex il-vetturi pparkjati n-naħa tal-bini, ikunu jistgħu jinżlu lejn in-naħa tal-Coast Road mingħajr ma jkun hemm għalfejn li jitilu sa Burmarrad u jduru lura. Viċin Triq il-Latmija - 35.943050, 14.423913 | Triq is-Salina | Niktbu lura lil TM li f'partijiet differenti tat-triq hemm l-istess li qed jitlob il-Kunsill u li dawn saru biex jakkomodaw bdiewa. Nitolbu lil TM jirrevedu din id-deċiżjoni. |
| | | Talba għal calming measures | Jules Verne | Is-Sindku informa li wara laqgħa mar-residenti tal-istess triq, kien hemm qbil bejn ir-residenti li l-Perit Antoine Zammit iħejji proposti għal raised zebra crossings f'din it-triq. Il-Kumitat qabel li l-Kunsill jistenna l-proposti tal-Perit Zammit. |
| 13968 | | Talba biex issir speed hump fi Triq it-Tuffieh k/m Triq is-Sghajtar. Dan ghaliex il-karozzi qed isiqu b' velocita eccessiva u qed ikun ta' periklu ukoll ghar-residenti li johorgu mill-garaxxijiet taghhom fi Triq is-Sghajtar. Ritratt anness | Tuffieh | Nistaqsu lir-resident fejn qed jipproponili ssir eżatt minħabba li ma' tistax issir fil-kantuniera fejn qed jitlob. Terġa titella hekk kif tasal din l-informazzjoni. |
| 13969 | | Talba biex issir traffic mirror fi Triq is-Sghajtar, kif tohrog minn Triq it-Tuffieh. | Sghajtar | Il-Kumiat ma' qiesx din it-talba bħala ġustifikata. Isir refreshing tal-istop, double yellow lines tal-kantuniera u marki ohra fit-triq. |
| 13973 | 86798 | Talba biex iz-zebra crossing li hemm fi Triq San Pawl kantuniera ma Triq Markiz Giuseppe Scicluna tinbidel ghal traffic lights peress li meta jkunu jridu jaqsmu, l-karozzi qeghdin jibqghu ghaddejjin. | San Pawl | It-talba ma ġiext milqugħa minħabba li hemm traffic lights ftit aktar il-fuq u l-Kumitat ma jidhirlux li hemm ammont kbir ta' persuni li jużawha. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 13975 | 88133 | Tigi diskussa il-quote li rcevejna fuq il-porfido ta' Triq Castro minħabba depression fit-triq. | Castro | Approvata. Nitolbu wkoll quote biex jimtlew l-fili f'passaġġ mal-ġenbi tat-triq biex jintuża għal mixi tal-pedonali mingħajr ma jkun hemm ħniek. |
| 13979 | 87711 | talba ghall-speed hump go Triq Andrea Debono (direzzjoni lejn Triq tal-Balal) qabel ir-roundabout ta' magenb il-Golden Care Home. ir-raguni li qegħeda tintalab hija li min ikun ghaddej dritt mhux jirispettaw il-giveway signs li hemm mal-art (jibqghu ghaddejjin dritt minn fuq ir-roundabout u ma jcedux lil min diehel il-Gharghur) | Andrea Debono | Il-Kumitat ma' qiesx din it-talba bħala ġustifikata. Nitlobu l-TM biex jagħmlu r-refreshing kollu li hemm bżonn. |
| 13983 | 74682 | talba ghall-2 speed humps go Triq E Bradford, Naxxar. ta' vicin il-junction qabel rega sar it-tarmac kienet tal-gebel | E. Bradford | Il-Kumitat ma' qiesx din it-talba bħala ġustifikata. Jidher li diġa hemm xi humps li kienu installati minn IM. |
| 13985 | 85677 | talba għall-speed hump go Triq il-Kappella ta' Xaghra k/m Triq E Bradford | E. Bradford | Il-Kumitat ma' qiesx din it-talba bħala ġustifikata. Jidher li diġa hemm xi humps li kienu installati minn IM. |
| 14003 | | Talba biex jiġu nstallati bollards jew issir buildout fil-kantunieri ta' Triq il-Bużjett ma' Triq San Pawl. | Buzjett | Isir mmarkar bl-aħmar bħala tip ta bulidout. Wara jitpoġġew planters biex naraw jekk il-miżura teliminax il-problema (nieħdu minn dawk li hemm ħdejn il-Maypole). Jekk tirnexxi isiru build-outs. |
| 14004 | | Talba għal cigarette bins fiz-zona tal-picnic area. | Kosta- Salina | Approvat li jsir wieħed fin-nofs. |
| 14005 | | Talba biex Triq il-Kappella ta' Santa Marija bejn Triq Qalet Marku u Triq San Gwann issir one way. | Kappella ta' Santa Marija | Niċekkjaw ma' Transport Malta hekk jistgħux jgħaddu trakkijiet minn dik it-triq la darba jitlesta x-xogħol u terġa tinfetaħ. |
| 14010 | n/a | Talba ghal tabelli u sinjali biex il-bidu ta Triq San Gorg - faccata tal-Welbees tigi no drop off zone | San Gorg | Isir refreshing ta' double yellow line. Titneħħa l-keep clear. |
| 14012 | 88588 | talba ghall-MC bays go Triq Dun Gakominu Galea (ritratt anness) | Dun Gakomino Galea | il-Viċi Sindku se jkun qed jieħu l-qisien fuq il-post u terġa titella quddiem is-sottokumtat b'din l-informazzjoni. |
| 14025 | 85453 | talba għall-speedhump go Triq ix-Xbiek | Xbiek | Il-Kumitat ma qiesx din it-talba ġustifikata. |
| 14033 | | talba għall-maintenance tal-bankina/konkos li hemm quddiem il-ħwienet (fejn hemm il-Qronfla) li hemm fit-Telgħa t'Alla u Ommu | T'Alla U Ommu | Tidħol fil-lista' tal-bankini biex isiru. |
| 14039 | 88709 | jiġi diskuss l-istreetlighting ta' Triq il-Parrocca | Parrocca | Isir dawl central hanging fejn hemm bżonn fit-triq u skont il-baġit.<br>Nitoblu lil-perit iħejji pjan għal bankina usa bil-għan li eventwalment isiru dwar dekorattivi. |
| 14044 | 89493 | Talba biex tiġi nstallata traffic mirror fi Triq il-Fortizza tal-Mosta faccata ta' Triq Jules Verne. Siteplan mehmuża fejn jixtieq–u li tiġi nstallata. | Fortizza Tal-Mosta | Mhux approvata minħabba li t-triq hija wiesa ħafna. |
| 14048 | 89597 | Talba biex tigi installata traffic mirror fi Triq in-Nigret biex minn ikun diehel mis-service road ta' Triq Andrea Debono jkun jistgha jara l-karozzi li gejjin minn Triq in-Nigret. | Nigret | Mhux approvata. Isir refereshing tal-istops. |
| 14050 | | Resident qed jitlob li tinstab soluzzjoni fi Triq Santa Lucija ghaliex il-karozzi qed isuqu bi speed eccessiv. Resident issuġġerixxa li jsiru aktar speed humps tul it-triq. | Santa Lucija | Tinbidel l-ispeed hump li hemm quddiem il-każin tal-victorja u ssir tal-plastic. Issir waħda hdejn il-kappella. |

**KUNSILL LOKALI IN-NAXXAR**

20 ta' Marzu, 2025

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## AĠENDA Numru 9/10

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Naxxar

Lis-Sindku, Viċi Sindku, Kunsillieri,

Qiegħed tiġi mitlub/a tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali nhar l-Erbgħa 26 ta' Marzu 2025 fis-18:00.

Il-laqgħa se tkun imxandra *live* fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill u se tkun qed tiġi rrekordjata biex tiġi mxandra b'mod *on demand*.

Importanti tkunu fil-ħin.

Paul Gatt

Segretarju Eżekuttiv

*Aqleb wara*

# AĠENDA

# LAQGĦA TAL-KUNSILL Numru 9/10

1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;

2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;

4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta’ rapporti finanzjarji:

  a. Skeda tal-pagamenti;
  b. Skeda ta’ dħul;
  c. Skeda ta’ ordnijiet;
  d. Infiq mill-Petty Cash;
  e. Reklamar mal-għaqdiet u parteċipazzjoni f’attivitajiet;

6 Minuti tal-laqgħa tas-Sottokumitat tat-Talbiet u l-Lmenti;

7 Skemi:

  a. Skema għall-Attivitajiet Kulturali 2025.2026;
  b. Inizjattiva Finanzjarja - Lokalitajiet aktar nodfa 2025;
  c. Espressjoni ta Interess - Milied 2025;

8 Impjieg ta’ Skrivan/a;

9 Konsultazzjoni dwar immaniġġjar tat-traffiku fl-inħawi ta’ Triq in-Nutar Debono;

10 Espressjoni ta’ interess għall-ħlas ta’ kontijiet tad-dawl u l-ilma fil-Kunsill;

11 Espressjoni ta’ interess biex jinġabru l-karti tal-identità mill-Kunsill;

12 Parteċipazzjoni fi proġetti Ewropej;

13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.